**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**S.T.O. Prim Imħallef Dr Joseph Azzopardi LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr Joseph Zammit McKeon LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.**

**Seduta ta' l-Erbgha 31 ta' Ottubru 2018**

**Att ta' l-Akkuza numru 02/2009**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**George Xuereb**

**Il-Qorti** :

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fid-09 ta' Jannar 2009 kontra George Xuereb li bis-sahha tieghu l-istess Avukat Generali wara li ippremetta :

Fl-**Ewwel Kap**, illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996), ghal habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30a.m.), George Xuereb flimkien ma zewg persuni ohra ipprova jisraq aktar minn mitt elf lira Maltin (Lm100,000) illum (€232,937), mill-fergha tal-Mid Med Bank f'St.Andrews.

Illi hu dahal fil-Bank, ghamel vjolenza fuq il-kuntistabbli 393 Maurice Laferla li kien ghassa mal-post u li safa' ferut u zamm lil Joseph Sapiano, Paulette Psaila, Tanja Grixti, Eva Fenech u persuni ohra hemm ssekwestrati u heddidhom b'arma tan-nar. Illi hu kellu wiccu mghotti ukoll.

Illi minkejja li s-serqa kienet bdiet b'xorti tajba inzerta li fil-vicinanzi kien hemm zewg pulizija tal-Mobile Squad li rrealizaw x'kien qed jigri u irnexxilhom jisfrattaw is-serqa billi l-hallelin hasbu li kienu ccirkondati. Illi waqt li kienu hergin George Xuereb spara lejn dawn iz-zewg Pulizija bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car izda ma irnexxilux minhabba ragunijiet accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi George Xuereb sar hati ta' tentattiv ta' serq u cioe` talli bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ta' flus f'ammont ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) wera dan il-hsieb b'attijiet esterni li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tal-istess delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tal-akkuzat, b'dan illi l-istess tentattiv ta' serq huwa kwalifikat bil-vjolenza (tentattiv ta' omicidju, offiza fuq il-persuna, armi, numru), mezz (ghoti tal-wicc), valur u lok (lok ta' depositu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita` tal-pubbliku).

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs George Xuereb' tat-2 ta' Mejju, 1994 l-imsemmi George Xuereb gie misjub hati ta' delitt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi George Xuereb recidiv, hati ta' tentattiv ta' serq u cioe` talli bil-

hsieb li jaghmel delitt ta' serq ta' flus f'ammont ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), wera dan il-hsieb b'atti esterni li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tal-istess delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-akkuzat, b'dan illi l-istess tentattiv ta' serq hu kwalifikat bil-vjolenza (tentattiv ta' omicidju, offiza fuq il-persuna, armi, numru), mezz (ghoti tal-wicc), valur u lok (lok ta' depositu) jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita` tal-pubbliku); jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi ikkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(l)(a)(b)(2), 263(b), 267, 269(d), 273, 274, 275, 276, 277(a)(b), 278(l)(2)(3), 279(a)(b), 280(l)(2), 281, 42(l)(a), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond ilLigi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Fit-**Tieni Kap** illi George Xuereb nhar l-Erbgha, sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija sitta u disghin (1996), ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30a.m.), flimkien ma' zewg persuni ohra ipprova jisraq somma li taqbez il-mitt elf lira (Lm100,000) illum (€232,937) mill-fergha tal-Mid Med Bank f'St.Andrews.

Illi hu kien armat, kellu wiccu mghotti b'barnuza u waqt li kien fil-Bank uza vjolenza kontra l-impjegati u ufficjali tal-Pulizija. Illi f'mument minnhom il-hallelin indunaw li kienu se jinqabdu u harbu minn fuq il-post.

Illi huma u hergin kien hemm zewg pulizija tal-Mobile Squad li nzertaw li kienu fil-post u dawn ordnawlhom biex jieqfu. Illi George Xuereb flimkien mal-persuni l-ohra sparaw lil kuntistabbli 1377 Carmel Cilia u lil kuntistabbli 132 Edward Falzon izda b'xorti tajba ma laqtuhomx. Illi dan George Xuereb ghamlu bil-hsieb li joqtol liz-zewg kuntistabbli jew iqieghed il-hajja taghhom f'perikolu car.

Illi wara l-hallelin irnexxilhom jaharbu minn fuq il-post, u George Xuereb ma rnexxilux fl-iskop tieghu li joqtol liz-zewg kuntistabbli ghall-ragunijiet accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu.

Illi b'ghemilu l-imsemmi George Xuereb sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew iqieghed il-hajja taghha f'perikolu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u

ta’ bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt ta’ omicidju volontarju li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs George Xuereb’ tat-2 ta’ Mejju, 1994 l-imsemmi George Xuereb gie misjub hati ta’ delitt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi George Xuereb recidiv, hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’perikolu car wera dan l-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta’ omicidju volontarju li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi ikkundannat ghall-piena ta’ prigunerija minn seba’ snin sa ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 41(l)(a), 211, 31(l)(a)(b)(i)(ii), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Fit-**Tielet Kap** illi fl-istess zmien u cirkostanzi msemmija fl-Ewwel Kap tal-Akkuza u cioe` fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Marzu, tas-sena elf disa’ mija sitta u disghin (1996), ghal habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ filghodu (10.30a.m.), George Xuereb seraq r-revolver tal-ghamla Webley & Scott numru 25600 minn fuq il-persuna tal-kuntistabbli 393 Maurice Laferla li kien ghassa mal-fergha tal-Mid Med Bank f’St. Andrews liema revolver jiswa aktar minn mitejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-korp tal-Pulizija. Illi l-istess kuntistabbli gie ferut hafif. Illi George Xuereb kellu wiccu moghtti, kien armat u beda jhedded ghall-hajja ta’ Laferla.

Illi b’ghemilu l-imsemmi George Xuereb sar hati ta’ serq aggravat bil-vjolenza (offiza fuq il-persuna, armi u theddid ghall-hajja), mezz (ghata) u valur.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs George Xuereb’ tat-2 ta’ Mejju, 1994 l-imsemmi George Xuereb gie misjub hati ta’ delitt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi George Xuereb recidiv, hati ta’ serq aggravat bil-vjolenza (offiza fuq il-

persuna, armi u theddid ghall-hajja), mezz (ghata) u valur; jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi ikkundannat ghall-piena ta’ prigunerija minn hames snin sa tnax -il sena skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 261(a)(b)(c), 262(a)(b), 263(b), 274(c), 276, 277(b), 281, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Fir-**Raba’ Kap** illi fiz-zmien u cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att ta’ l-Akkuza l-akkuzat George Xuereb mar fuq il-post tad-delitt b’van abjad tal-ghamla Toyota Lite Ace bin-numru tar-registrazzjoni R 9295. Illi dana il-van kien serqu fis-sittax (16) ta’ Frar, elf disgha mija u sitta u disghin (1996) minn Rahal Gdid ghall-habta tal-ghaxra ta’ filghodu (10.00 a.m.) ghad-dannu ta’ Gul Mohnani bhala Direttur tal-Universal Import and Export Limited. Illi dan il-van jiswa aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Illi b’ghemilu l-imsemmi George Xuereb sar hati ta’ serq ta’ oggett li jiswa aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq hu kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs George Xuereb’ tat-2 ta’ Mejju, 1994 l-imsemmi George Xuereb gie misjub hati ta’ delitt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi George Xuereb recidiv, hati ta’ serq ta’ oggett li jiswa aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq hu kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa; jitlob illi jinghamel skond il-Ligi u illi huwa jigi ikkundannat ghall-piena ta’ prigunerija minn tmintax-il xahar sa disa’ snin skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1), 49, 50 u 533 talKodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Fil-**Hames Kap** illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza George Xuereb kellu arma tan-nar fil-pussess tieghu. Illi in fatti meta fis- sebgha u ghoxrin (27) a’ Marzu, tas-sena elf disa’ mija sitta u disghin (1996), ghal habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ filghodu (10.30a.m.)

hu kien ma shabu jipprova jisraq il-Bank tal-Mid Med Bank f'St.Andrews hu uza u kellu fil-pussess tieghu l-istess arma tan-nar liema arma ma kelliex licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi b'ghemilu l-imsemmi George Xuereb sar hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs George Xuereb' tat-2 ta' Mejju, 1994 l-imsemmi George Xuereb gie misjub hati ta' delitt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi George Xuereb recidiv, hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu; jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi ikkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' hames xhur sa tlett snin skond dak li hemm u jintqal flArtikoli 2, 3(lA), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap 66) u fl-Artikoli 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**2**. Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Ottubru 2014 fejn bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati ta' dakinhar stess li bih :

**Bi tmien (8) voti favur u vot (1) kontra sabu lil George Xuereb hati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**B' seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lil George Xuereb hati skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**Bi tmien (8) voti favur u vot (1) kontra sabu lil George Xuereb hati skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**Bi tmien (8) voti favur u vot (1) kontra sabu lil George Xuereb mhux hati bhala awtur izda bhala komplici skond ir-raba' Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**Bi tmien (8) voti favur u vot (1) kontra sabu lil George Xuereb hati skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza**

Iddikjarat lil George Xuereb recediv u hati talli :

i. **Fis-sebgha u ghoxrin (27) a' Marzu, tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996), ghal habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30a.m.), mill-fergha tal-Mid Med Bank f'St. Andrews ikkommetta tentattiv ta' serq u cioe` talli bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ta' flus f'ammont ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) wera dan il-hsieb b'atti esterni li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tal-istess delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tal-akkuzat, b'dan illi l-istess tentattiv ta' serq huwa kwalifikat bil-vjolenza (tentattiv ta' omicidju, offiza fuq il-persuna, armi, numru), mezz (ghoti tal-wicc), valur u lok (lok ta' depositu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita` tal-pubbliku).**

ii. **Fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996), ghal habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30a.m.), f' St. Andrews, ikkommetta tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew iqieghed il-hajja taghha f'perikolu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu.**

**iii.** **Fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996), ghal habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30a.m.), fil-fergha tal-Mid Med Bank, St. Andrews, minn fuq il-persuna ta' PC393 Maurice Laferla, kkommetta serq aggravat bil-vjolenza (offiza fuq il-persuna, armi u theddid ghall-hajja) u mezz (ghata) u dan ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

**iv.** **Fis-sittax (16) ta' Frar, elf disgha mija u sitta u disghin (1996) minn Rahal Gdid ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10.00 a.m.) bhala komplici ikkommetta serq ta' oggett li jiswa aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq hu kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Gul Mohnani bhala Direttur tal-Universal Import and Export Limited.**

**v.** **Fis-sebgha u ghoxrin (27) a' Marzu, tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996), ghal habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30a.m.) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu**

**3**. Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 17, 23, 31(l)(a)(b)(i)(ii), 211, 261(a)(b)(c)(e)(g), 262(l)(a)(b)(2), 263(b), 267, 269(d), 271(g) 273, 274, 275, 276, 277(a)(b), 278(l)(2)(3), 279(a)(b), 280(l)(2), 281, 41(l)(a), 42(l)(a), 49, 50 u

533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll, l-artikoli 2, 3(1A), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap 66), ikkundannat lill-ħati George Xuereb ghal piena ta' tlettax il-sena prigunerija, minn liema perijodu kellu jinqata' kull zmien li hu għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reat, kif ukoll ikkundannatu iħallas is-somma ta' elfejn tlett mija u erbgha u disghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€2394.43) import tal-ispejjez peritali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**4.** Rat ir-rikors ta' l-appell tal-istess George Xuereb fil-31 ta' Ottubru 2014 fejn ghar-ragunijiet hemmhekk indikati talab lil din il-Qorti sabiex thassar id-dikjarazzjoni ta' htija fuq il-kapi kollha tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u konsegwentement tordna li jigu registrati verdett u sentenza ta' liberazzjoni minn kull imputazzjoni u piena.

**5**. Rat ir-risposta ta'l-Avukat Generali tat-30 ta' Mejju 2018.

**6**. Semghet trattazzjoni.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**8**. Illi l-aggravju ewlieni li fuqu l-appellant isejjes it-talba ghar-revizjoni tal-verdett ta' htija li nghata kontra tieghu ghar-reati lilu addebitati fl-Att ta` l-Akkuza huwa dirett lejn l-apprezzament tal-provi li ghamlu l-imhallfin tal-fatti meta jilmenta illi kien misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza. Jikkritika dan l-apprezzament ghal diversi ragunijiet li jelenka fir-rikors ta' l-appell li skont l-appellant kellu iwassal ghal konflitt fil-provi tant illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tikseb il-grad tal-prova ferm oneruza li trid tinkiseb fil-kamp penali.

**9**. Ibda biex jishaq illi mill-provi jemergi illi n-numru ta' persuni nvoluti fil-*hold up* li saret il-fergha tal-Mid-Med Bank Limited ta' St. Andrews lura fis-27 ta' Marzu 1996 kienu tlieta u mhux aktar, b'dawn it-tlett persuni jigu identifikati mill-pulizija li kienu Joseph Polidano, Carmelo Spiteri u Amadeo Brincat. Illi fir-rigward tal-ewwel tnejn, dawn ammettew l-involviment taghhom fil-kommissjoni tad-delitt, u l-kaz taghhom ghadda in gudikat, filwaqt li t-tielet persuna lahqet mietet, u ghalhekk l-ebda proceduri ma ttiehdu kontra tieghu. Illi allura fil-fehma tal-appellant kien biss Joseph Polidano, wiehed mill-malviventi li implikah fid-delitt. Qal hekk ghaliex il-komplici l-iehor Spiteri cahad illi l-appellant kien prezenti u sahaq anzi illi sal-gurnata meta sehh l-event kriminuz huwa ma kienx jaf lill-appellant. Ighid illi Joseph Polidano ma ghandux jitqies bhala xhud kredibbli. Wera riluttanza meta ddepona fil-guri tant illi minflok xehed *viva voce*, il-Prosekutur - bil-kunsens tal-qorti - qralu ix-xiehda li kien ta tul il-kumpilazzjoni, huwa kemm ikkonferma l-istess. Oltre dan, skont l-appellant, il-provi indizzjarji, fosthom l-impronti digitali li nstabet fuq borza tal-plastik, fejn allegatament tpoggew l-armi tan-nar uzati fil-*hold-up*, hija fjakka wisq sabiex tikkorrabora il-verzjoni nverosimili ta' Polidano.

**10**. Illi l-appellant jilmenta ukoll illi sehhew diversi rregolaritajiet matul il-guri, bl-ewwel wahda tkun meta x-xiehda ta' Joseph Polidano ma ittehditx *viva voce*, kif inghad, u wara li dan sar, l-Imhallef li ppresjeda l-guri ggwida lill-gurati b'mod zbaljat dwar il-mod kif huma kellhom jaghmlu l-apprezzament ta' dik ix-xiehda. Dan iktar u iktar ghaliex it-traskrizzjoni tax-xiehda li Polidano kien ta fl-Istruttorja lanqas ma kienet giet moghtija *verbatim* u allura b'mod dirett *on tape*, izda kienet giet dettata mill-qorti kumpilatorja.

**11**. Maghdud ma' dan, imbaghad, l-appellant jilmenta illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma spjegax sewwa lill-gurati l-element intenzjonali mehtieg ghar-reat ta` omicidju, kif lanqas ma spjegalhom sewwa id-differenza bejn l-oneru tal-prova li jistrieh fuq il-Prosekuzzjoni u dak li jispetta lid-difiza. Ma spjegalhomx lanqas l-oggezzjoni li kellu l-appellant ghar-rapport tal-espert Joseph Mallia u li hu kien talab ir-rikuza tieghu, kif lanqas kienu mwissija l-gurati dwar dak li kien afferma l-ex Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo fix-xiehda tieghu dwar l-antecedenti kriminali tal-appellant.

**12**. Aggravju iehor ta` appellant kien meta attakka l-interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi li, fil-fehma tieghu, kellha influwenza fuq il-verdett biex b'hekk sehhet amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. Dan fir-rigward tas-sejbien ta' htija fil-kaz tat-Tieni Kap ta` l-Att ta` l-Akkuza, u cioe' r-reat tat-tentattiv ta` omicidju billi mill-provi in atti jirrizulta illi kien biss wiehed mill-malviventi li spara lejn il-pulizija biex b'hekk dan ifisser illi l-appellant qatt ma seta' kellu l-intenzjoni omicida. Mhux biss izda jirrizulta illi l-isparatura saret minn dak il-malvivent mhux bl-intenzjoni li joqtol izda biss biex johloq biza' li

allura setghet tghin lill-hallelin biex jaharbu minn fuq il-post. Joseph Polidano jixhed illi kien Amadeo Brincat li spara tir wiehed fl-ajru mit-tieqa tax-xufier. Fil-fatt l-esperti tax-xena tar-reat u l-esperti tal-ballistika jikkonkludu illi l-maggior parti tal-*bullets* u *casings* li nstabu fuq in-naha ta' barra tal-fergha tal-bank kienu tal-armi tan-nar tal-pulizija. Mhux biss izda ma nstabu l-ebda tracci ta' *gun shot residue* (GSR) fuq il-*boiler suits* elevati u li intuzaw waqt il-kommissjoni tar-reat.

**13.** Finalment jilmenta illi huwa qatt ma messu kien ikkundannat ihallas l-ispejjez peritali fl-intier taghhom, billi r-rapporti li pprezentaw l-esperti, intuzaw f'zewg kawzi ohra. Ghalhekk *se mai* kellu jbati terz biss tal-ispejjez.

**14**. L-Avukat Generali jilqa' ghal dan l-appell billi jissottometti li x-xiehda ta` Joseph Polidano kienet kredibbli. Ma jaqbilx mal-appellant meta jilmenta illi Polidano ma xehedx *viva voce*, anzi jinsisti illi qabel ma nqrat id-deposizzjoni li kienet inghatat mix-xhud quddiem l-Qorti Istruttorja, huwa ha l-pedana tax-xiehda, u xehed *viva voce* fejn ta certu dettalji dwar il-*modus operandi* adoperat fis-serqa. Illi kien necessarju li tinqara d-deposizzjoni ta' Polidano fl-Istruttorja ghaliex kienu ghaddew 18-il sena minn meta sehh id-delitt u ghalhekk kien plawsibbli illi x-xhud jinsa d-dettalji. L-Avukat Generali jsostni illi x-xhud iddepona madanakollu b'mod dettaljat dwar l-involviment ta' l-appellant fil-kommissjoni tar-reat. Dwar in-numru tal-persuni nvoluti ghalkemm jixhed illi s-serqa kienet ser tigi kommessa minn hames persuni, madanakollu jsostni illi kienu tlieta minnhom biss li dahlu fil-fergha tal-bank. Ghalkemm mhux f'posizzjoni ighid jekk l-appellant kienx lahaq dahal gewwa l-

fergha meta is-serqa giet sfrattata mill-pulizija, madanakollu jibqa' isostni illi kien Xuereb li waqaf mieghu u assistieh meta nizel minn gol-vann uzat sabiex jaharbu minn fuq ix-xena tad-delitt wara li spicca ferut. Osserva ukoll li dak il-hin l-appellant kien qed igorr basket f'idejh.

**15**. Illi fil-fehma tal-Avukat Generali l-provi cirkostanzjali jsahhu din il-verzjoni tal-fatti ghaliex kien stabbilit illi instabet il-presenza tad-DNA ta' erba' persuni fuq il-balaklavi elevati mill-pulizija, u nstabet impronta digitali wahda appartenenti lill-appellant fuq il-basket li ntuza sabiex jingarr il-munizzjon. Dan isahhah dak dikjarat minn Polidano illi l-appellant kellu jiehu hsieb igib u jgorr l-armi tan-nar ghall-kommissjoni tad-delitt. Fil-fatt jiftakar li l-appellant kellu zewg basktijiet li wiehed minnhom jixbah fid-deskrizzjoni tieghu dak li fuqu instabet l-impronta digitali.

**16**. Ix-xiehda tal-komplici l-iehor Carmelo Spiteri ma hijiex wahda kredibbli, fil-fehma tal-Avukat Generali, ghal diversi ragunijiet. Illi kien biss l-appellant li kellu access ghall-fond ta' Hal-Qormi fejn xi xahar wara li twettaq ir-reat kien instab mohbi Carmelo Spiteri. Illi anke it-*telecell* li nstab fil-pussess ta' Carmelo Spiteri mal-arrest tieghu kien jappartjeni lill-appellant.

**17**. Illi fir-rigward tal-ilment ventilat mill-appellant dwar l-inammissibilita` tar-rapport ta' l-espert Joseph Mallia, jinghad illi dan kien sorvolat bid-decizjoni moghtija tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Frar 2011 u sussegwentement bis-sentenza preliminari li tat din il-Qorti diversament komposta fit-23 ta' Jannar 2014 fejn kien deciz illi l-appellant ma sofra l-ebda pregudizzju u d-dritt tieghu

ghal smigh xieraq ma kienx mittiefes bil-fatt illi Joseph Mallia fiz-zmien tar-reat kien ufficjal tal-pulizija adett mat-Taqsima tal-Forensika u snin wara kien imqabbad mill-Qorti bhala espert biex iqabbel l-impronti digitali misjuba fuq ix-xena tar-reat ma' dawk tal-appellant billi f'dak iz-zmien huwa ma kienx ghadu membru fil-korp tal-pulizija. Id-difiza fuq kollox qatt ilmentat illi l-konkluzjonijiet minnu raggunti ma kenux validi.

**18**. Illi fir-rigward tal-intenzjoni omicida tal-appellant, l-Avukat Generali jishaq illi ghalkemm sehhet sparatura wahda mill-malviventi, dan il-fatt ma jeradikax l-intenzjoni omicida pozittiva u ndiretta. Ukoll meta jkun hemm iktar minn awtur wiehed jew komplici, u meta isir uzu ta' armi tan-nar fil-kommissjoni tar-reat, kull wiehed iwiegeb ghall-uzu taghhom, anke jekk ma jkunux huma li fizikament sparaw dik l-arma tan-nar. Polidano fil-fatt ighid li kien Xuereb stess li pprokura l-armi ghal kommissjoni tad-delitt u li kien hu li ha hsieb il-garr taghhom.

**19**. Finalment l-Avukat Generali ighid illi ma hemm xejn x'wiehed jista' jikkritika fl-indirizz tal-Imhallef li ppresjeda l-guri u allura l-aggravju tal-appellant fir-rigward huwa bla bazi. Jaqbel madanakollu illi l-appellant ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri fl-intier taghhom, izda biss terz kif inghad mid-difiza.

**Ikkunsidrat :**

**20**. Illi l-kaz in kwistjoni jmur lura ghal Marzu tal-1996 meta sehh tentattiv ta' serq mill-fergha tal-Mid-Med Bank Limited ta` Saint Andrews. Illi l-appellant jichad kategorikament l-involviment tieghu f'din il-kongura kriminali billi jishaq illi huwa ma kienx wiehed mill-persuni illi f'dik l-ghodwa marru lejn il-fergha tal-bank bl-intenzjoni li jikkommettu *hold-up*.

**21**. Illi mill-provi li jemergu mill-atti huwa ndubitat illi tnejn mill-persuni li kienu nvoluti fil-kommissjoni tad-delitt gew identifikati ftit wara, u cioe' certu Joseph Polidano u Carmelo Spiteri. Dawn it-tnejn fil-fatt tressqu l-Qorti akkuzati bl-involviment taghhom fit-tentattiv ta' serq aggravat bil-vjolenza. Huma ammettew l-akkuzi lilhom addebitati u l-kaz taghhom ghadda in gudikat sabiex b'hekk it-tnejn setghu joffru d-deposizzjoni taghhom fil-kors ta' dan il-guri.

**22.** Jidher izda illi dawn it-tnejn ma jaqblux bejniethom dwar l-involviment tal-appellant fil-kommissjoni tar-reat. Infatti Polidano jinsisti illi Xuereb kien assocja ruhu mieghu, ma' Spiteri u ma' certu Amadeo Brincat, illum mejjet, sabiex jaghmlu il-*hold-up* fil-fergha tal-bank. Min-naha tieghu Spiteri jinsisti illi huwa qatt ma kien iltaqa' mal-appellant qabel l-1996 u li sar jafu biss wara. Spiteri jinsisti illi kienu tlieta l-persuni nvoluti f'dan l-event kriminuz u cioe' hu, Polidano u Amadeo Brincat. Dan tal-ahhar u cioe` Brincat kien il-mohh ta` kollox.

**23**. Dan ifisser illi l-gurati kienu rinfaccjati b'zewg deposizzjonijiet konfliggenti, bl-appellant jichad l-involviment tieghu kif inghad, u bi provi ohra cirkostanzjali u ndizzjarji li rrizultaw mill-investigazzjonijiet li saru mill-pulizija.

**Ikkunsidrat :**

**24**. Illi qabel ma tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-ewwel aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi, il-Qorti jidhrilha li qabel xejn ghandhom jigu indirizzati l-ilmenti li qanqal l-appellant li kienu ndirizzati lejn l-indirizz tal-Imhallef li ppresjeda l-guri dwar l-elementi ta' dritt, kif ukoll dwar id-direzzjoni moghtija lill-gurati dwar l-apprezzament li kellu isir tal-provi, b'mod ewlieni tax-xiehda ta' Joseph Polidano u tal-ex Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, kif ukoll jekk kellhiex tinghata direzzjoni fil-konfront tal-ammissibbilita' tar-rapport tal-espert tal-impronti digitali Joseph Mallia.

**25**. Illi fir-rikors tal-appell, l-appellant jelenka n-nuqqasijiet li fil-fehma tieghu kienu jinsorgu mill-indirizz u li kellhom piz fuq il-verdett milhuq mill-gurati. Jishaq illi dawn l-irregolaritajiet u l-interpretazzjoni hazina moghtija lill-gurati tal-punti ta' dritt wasslu ghal hekk imsejjah *misdirection* sabiex b'hekk sehhet amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

**26.** Skont l-appellant, in-nuqqasijiet kienu dawn :-

i. l-element legali tal-*mens rea* fir-reat tal-attentat tal-omicidju ma kienx imfisser spjegat.

ii. ir-regola illi l-gurati ghandhom jaslu ghall-verdett fuq il-provi li jkunu tressqu quddiemhom ma gietx sewwa imfissra.

iii. li x-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni kellu jithalla jixhed b'mod spontaneju *viva voce* u mhux tinqralu x-xiehda tieghu moghtija fil-kumpilazzjoni.

iv. is-sitwazzjonijiet kontemplati fil-ligi meta espert jista' jigi rikuzat.

v. id-differenza fl-oneru u grad tal-prova bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza, b'mod partikolari xi jfisser sew il-kuncett tal-prova sal-grad minghajr dubbju dettat mir-raguni.

vi. ix-xiehda tal-ex Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo li setghet taghti x'wiehed jifhem illi huwa kien diga' jaf lill-appellant bhala bniedem b'kondotta kriminali.

**27**. Hekk ighid Ighid hekk Lord Hailsham L.C., fil-kaz ta` **<u>R. v. Lawrence</u>**[1]:

> **'It has been said before but obviously requires to be said again. The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case. The search for universally applicable definitions is often productive of more obscurity than light. A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case.'**

[1][1982] A.C. 510 at 519, H.L. (Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001, para. 4-368, p. 453)

**28**. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti huwa proprju dan li ghamel l-Imhallef fl-indirizz finali tieghu lill-gurati, li ghalkemm ma huwiex xi wiehed elaborat u dettaljat, madanakollu jindirizza l-punti legali kollha mqanqla matul il-kors tal-guri, b'succint ta' dak li qalu x-xhieda fid-deposizzjonijiet taghhom u b'esposizzjoni tad-difizi li gab l-appellant u tat-tezi tal-prosekuzzjoni.

**29**. Jibda l-indirizz tieghu lill-gurati meta ighidilhom minnufih illi:

**"Il-kompitu taghkom sinjuri huwa li intom tiddeciedu fuq il-fatti kif esposti mill-prosekuzzjoni f'dan il-guri."**

Ikompli hekk iktar 'il quddiem:

**"... Dawn il-provi jridu jwasslu ghal grad ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni. Sinjuri, hemm diversi modi ta' provi .... hemm dak li huwa l-possibbli, illi kollox huwa possibbli taht il-kappa tax-xemx, .... ma tistax tibbaza il-htija fuq il-possibbli.... imbaghad ghandek l-istadju tal-probabbli. Il-probabbli, x'aktarx iva milli le. Morna stadju iehor. .... ghall-akkuzat il-probabbli huwa bizejjed, x'aktarx iva milli le. Dejjem a bazi tal-principju kardinali li min jallega jrid jipprova, ghax dan japplika ghat-tnejn li huma, ghall-akkuzat fuq bazi ta' probabbli, ghal prosekuzzjoni fuq bazi ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni.[2]"**

**30**. Wara dan ikompli jaghti ezempji fuq il-gradi tal-prova mehtiega fil-kamp penali. Jispjega fid-dettall il-livell ta' prova mehtiega sabiex il-prosekuzzjoni tipprova il-kaz taghha u dak li jikkostitwixxi d-dubju ragjonevoli. Ighaddi biex jispjegalhom il-mod kif dawn il-provi ghandhom jigu ezaminati billi jaghmel

[2] Indirizz a fols. 475, 476

paragun bejn persuna qieghda tghaqqad il-bicciet ta' *jigsaw puzzle* biex tasal biex taghraf f'hix tikkonsisti l-istampa li ghandha quddiemha.

Ighidlhom hekk:

> **"Pero' importanti li ma tistghux timlew il-bicciet vojta bl-immaginazzjoni. Jekk ghandkom bicciet neqsin minn din l-istampa, il-bicciet neqsin iridu jibqghu. Intom tridu tiddeciedu fuq il-bicciet li ghandek quddiemek u mhux fuq il-bicciet li inti timmagina li jista' jkun hemm. "**

**31**. U finalment johrog id-distinzjoni bejn il-grad tal-prova mehtieg mid-difiza u dik li ghandha tressaq il-prosekuzzjoni (kontra dak allegat mill-appellant fl-aggravju tieghu) :-

> **"Jekk ma jkunx hemm dak id-dubbju u tkunu sodisfatti li bil-bicciet illi ghandkom bil-provi li ghandkom intom qeghdin taraw dik l-istampa li pruvat tressaq il-Prosekuzzjoni allura il-Prosekuzzjoni jkun irnexxielha fit-tezi taghha, fil-kaz taghha w intom tistghu liberalment, bil-kuxjenza safja tohorgu bid-dikjarzzzjoni li talbitkom hi li ghandkom tohorgu. Jekk min naha l-ohra intom m'intomx certi wara li tkunu ezaminajtu il-kaz, nerga nghidilkom bl-gherf u il-buon sens jidhrilkom li xorta hemm dan id-dubju, jidhrilkom illi t-tezi imressqa mid-Difiza hija iktar probabbli u din giet ippruvata fuq bazi ta' probabbilita', u mhux tghid xi haga u thallieha fl-ajru. Veru li x-xiehda tal-akkuzat hija moghtija bil-gurament u dik hija prova fiha innifisha, pero' dak li jghid irid jigi sostanzjat u jrid jigi sostanzjat fuq bazi ta' probabbilita'. That is the basic minimum. Mentri l-prosekuzzjoni ghandha kompitu ferm aktar difficli ghax trid titlob aktar minghandkom minn daqshekk. Irid ikollkom aktar bicciet f'idejkom biex intom taslu ghal dak il-livell ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni."**

**32**. Wara dan, l-Imhallef imbaghad ighaddi biex jispjega lill-gurati l-elementi legali li jsawwru kull reat addebitat lill-appellant fl-Att ta` l-Akkuza u jfissrilhom ukoll il-kuncett legali tat-tentattiv billi ghar-reati tas-serq aggravat kif ukoll dak tal-omicidju, l-appellant ma huwiex qieghed ikun mixli bir-reat ikkonsmat izda biss bit-tentattiv ta' l-istess.

**33.** L-appellant qieghed isib oggezzjoni ghall-mod kif ir-reat tal-omicidju kien imfisser lill-gurati u jishaq illi l-Imhallef ma spjegax sewwa l-elementi ta' dritt mehtiega sabiex jissussisti dan ir-reat.

**34.** L-Imhallef ighid hekk dwar dan ir-reat wara li jispjega l-elementi legali tar-reat tas-serq aggravat bil-vjolenza:

> **"It-tieni kap huwa ta' tentattiv ta' omicidju volontarju. Dan huwa relatat mal-ewwel wiehed 'il ghaliex l-Avukat Generali qieghed jixli lill-akkuzat illi waqt illi kien qed jaghmel dan il-hold-up, jew hu jew haddiehor li kien hemm mieghu li mhux identifikat spara arma tan-nar fid-direzzjoni ta' pulizija. F'dan il-kaz allura il-hsieb kien li jaghmel omicidju u dan irid jigi ippruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni li skatta l-hsieb f'dak il-mument ta' paniku li kien waqt li huma hergin mill-bank hemmhekk, l-ewwel nett il-hsieb jista' jigi fformolat f'sekonda, f'attimi ta' sekonda, ma hemmx ghalfejn atti preparatorji kbar, jekk jigi ippruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni illi hemmhekk dak il-mument sar il-hsieb li jinqatel dak il-pulizija u tigi sparata tir ta' arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu li ma laqtitux, allura hemmhekk sar tentattiv .... pero' irid ikollok l-intenzjoni li toqtol jew tqieghed il-hajja fil-periklu car.**
>
> **Mela biex intom tikkunsidraw dawn l-ewwelnett intom tridu tpoggu lil akkuzat fix-xena tad-delitt, irid ikun hemm. It-tieni illi mhux li kien hemm, illi kien hemm u minn shabu min spara fformolaw din l-inetnzjoni li joqtlu u li dawn fil-fatt sparaw u pruvaw joqtlu lil pulizija izda ma irnexxielhomx. Pero' l-akkuzat irid ikun fuq ix-xena tad-delitt."**

**35**. Issa ghalkemm huwa minnu li il-kuncett tal-intenzjoni pozittiva indiretta mehtieg f'dan il-kaz sabiex jissussisti ir-reat ma kienx imfisser f'termini cari, madanakollu huwa evidenti illi l-Imhallef spjega lill-gurati, b'referenza ghac-cirkostanzi partikolari u b'mod semplicistiku u biex huma jifhmu ahjar, kif tista' tirrizulta ippruvata din l-intenzjoni. Illi allura anke jekk *argumenti gratia* dak li jikkontendi l-appellant huwa minnu u li l-kliem adoperat ma kienx daqstant felici, madanakollu :

> **"In-nuqqas li jagħmel dan, pero`, ma jikkostitwixxix irregolarita` jew interpretazzioni u applikazzioni żbaljata tal-liġi. Inoltre tfakkar li din il-Qorti "does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice".[3]**

**36**. Illi f'dan il-kaz din il-Qorti ma ssibx li kien hemm nuqqas fl-amministrazzjoni tal-gustizzja ghar-raguni illi ghalkemm l-ispjegazzjoni moghtija dwar l-element tal-*mens rea* mehtieg ghar-reat ma kienx wiehed dettaljat, madanakollu l-gurati kienu ben diretti sabiex iqisu illi ghall-fini ta' reita' jrid necessarjament jirrizulta din il-*mens rea* fl-akkuzat jew inkella f' xi wiehed minn shabu, li fil-mument li saret id-decizjoni li ssir l-isparatura, kien hemm l-intenzjoni li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor f`periklu car. Illi jispjega ukoll illi ghalkemm l-akkuzat seta` ma kienx hu li spara l-arma tan-nar, madanakollu bil-presenza tieghu fuq ix-xena tar-reat, jekk din tirrizulta

[3]Ir-Repubblika vs Jonathan Felice – 20/10/2017 App.Sup.

ppruvata, u allura bil-kompartecipazzjoni tieghu fil-*hold up* fejn sar uzu minn armi tan-nar, l-htija ghar-reat tissussisti fic-cirkostanzi spjegati minnu.

**37.** Ghalhekk ma kien hemm l-ebda rregolarita' li jitkellem dwarha l-artikolu 501(1) tal-Kodici Kriminali li kellha influwenza fuq il-verdett, u li b'tali nuqqas kien hemm amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. Dan ma avverax ruhu f'dan il-kaz.

**38. Ghal dawn il-motivi ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.**

**Ikkunsidrat :**

**39**. Illi l-appellant jilmenta illi ssehhet irregolarita' ohra waqt il-guri meta l-Ewwel Qorti hadet id-decizjoni illi tippermetti lill-Prosekuzzjoni taqra lix-xhud Joseph Polidano id-deposizzjoni li kien ta fl-istadju tal-Istruttorja, meta dan kellu jixhed *viva voce* u mhux semplicement jikkonferma dak minnu mistqarr fil-kumpilazzjoni. Skont l-appellant, l-Imhallef li ppresjeda l-guri kellu jaghti direzzjoni lill-gurati sabiex ikunu kawti meta jigu biex jikkunsidraw tali deposizzjoni billi din kienet wahda ghal kollox irregolari u mhux fit-termini tal-ligi.

**40**. Issa din il-Qorti qrat bl-attenzjoni id-deposizzjoni moghtija minn Joseph Polidano fil-guri u precisament fis-seduta tas-07 ta' Ottubru 2014. Huwa

evidenti illi mill-mument illi dan ix-xhud ha il-pedana tax-xhieda huwa wera riluttanza kbira biex jiddeponi, izda mal-ewwel jindika illi il-ftehim sabiex jitwettaq il-*hold-up* mertu ta' din il-vertenza sar bejn hames persuni li wiehed fosthom jindikah bhala l-appellant. Jispjega ukoll fejn iltaqghu fl-ghodwa tas-27 ta' Marzu 1996. Izda minhabba li x-xhud kien qed juri riluttanza l-Ewwel Qorti awtorizzat il-qari tad-deposizzjoni tieghu moghtija fil-kors tal-kumpilazzjoni u dan lura fil-15 ta' Settembru 1997, fejn ix-xhud imbaghad ikkonferma il-veracita' ta' dak minnu mistqarr fix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti Istruttorja. Jikkonferma ukoll illi l-appellant kien maghhom fil-kommissjoni tar-reat ghalkemm ma jiftakarx ezatt x'kien qed jaghmel mill-mument li huwa dahal fil-bank.  Wara sarlu kontro-ezami serrat mid-difiza fejn ghalkemm f'mumenti wera titubanza u incertezza, madanakollu baqa` jinsisti fir-risposti tieghu illi l-appellant kien presenti meta twettaq ir-reat.

**41**. Issa l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali jiddisponi l-mod kif ix-xhud ghandu jiddeponi meta jinghad:

> **"Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce."**

Is-subartikolu (2) tal-istess disposizzjoni tal-ligi tkompli tghid hekk:

> "**Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:**
> **Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce  kif provdut fis-subartiklu (1) …."**

**42.** Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi jemergu zewg fatturi mportanti dwar il-mod kif ix-xhieda ghandhom jiddeponu fil-process penali u cioe' fl-ewwel lok illi ix-xhieda iridu jigu ingunti biex jixhdu fil-qorti u fit-tieni lok illi x-xiehda trid isir *viva voce*. Illi madanakollu ghal din ir-regola tezisti l-eccezzjoni u cioe' fil-kaz ta` dik ix-xiehda li tkun ittiehdet bil-gurament matul il-kumpilazzjoni, liema prova allura hija wahda valida u ammissibbli. Dan premess madanakollu l-legislatur xorta wahda ried illi ix-xhud, li d-deposizzjoni tieghu tkun inghatat fil-kumpilazzjoni tingieb bhala prova, ghandu xorta wahda jigi sottopost ghall-ezami tal-qorti u tal-partijiet *viva voce* matul il-proceduri tal-guri.

**43.** Illi ma jidhirx illi f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti tbieghdet minn dak li tiddisponi il-ligi fis-smigh tax-xiehda ta' Joseph Polidano. Ix-xiehda ta` Polidano matul il-kumpilazzjoni kienet prova ammissibbli li l-Prosekuzzjoni kellha kull dritt li ggib 'il quddiem. Ix-xhud deher fil-qorti u ha il-pedana tax-xhieda fejn gie imqieghed ghall-ezami mhux biss tal-Qorti, izda ukoll tal-Prosekuzzjoni u d-difiza, tant illi d-difiza ghamlet kontro-ezami fit-tul tieghu, u kellha okkazjoni tpoggielu dawk l-mistoqsijiet kollha li dehrilha li kienu pertinenti sabiex b'hekk kellha kontroll shih fuq dak li iddepona. Mhux biss izda l-gurati kienu f'posizzjoni li setghu josservaw il-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda biex b'hekk kienu f'posizzjoni illi jaghmlu l-apprezzament ta' l-istess fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali fejn fir-rigward tal-kredibilita` ta' xhud din id-disposizzonijiet tfassal linji gwida ghal min hu imsejjah biex jiggudika meta hemm dispost illi :

> **"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi**

**oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.”**

**44**. Mhux biss izda minn qari tal-indirizz ghandu jirrizulta illi l-Imhallef spjega sew lill-gurati l-mod kif ghandhom jezaminaw il-kredibilita' tax-xhieda meta fisser fid-dettall id-dettami tal-artikolu tal-ligi hawn fuq iccitat[4] u di piu' japplika dawn il-kuncetti direttament ghax-xiehda ta' Joseph Polidano. Isejjah lill-gurati biex iwieznu l-kredibilita` tax-xhud billi anke jqabblu ix-xiehda moghtija minnu fil-kumpilazzjoni u cioe' dik li tinqralu fil-qorti u d-deposizzjoni tieghu *viva voce*:

**“Ahna kellna diversi tipi ta' nies qeghdin jixhdu hawnhekk, .... u rajna ahna il-komportament kemm kienu differenti dawn in-nies li xehdu. Rajna ahna per ezempju wiehed Polidano, nghidu kif inhi, ma tantx hareg ta' xhud illi bniedem fiducjuz ghal dak li kien qieghed ighid, jew kien qed ihawwad jew ghat-taparsi ma fehemx, jew ma jirrispondiex id-domandi, jew ilaqlaq, jew jitkellem minn taht l-ilsien biex ma nifmuhx, jibqa ighid l-istess haga nonostante nispjegawlu d-domandi biex itina r-risposta, specjalment meta gejna ghal dak li qal ir-raba persuna li kien hemm fil-vann. Kemm saqsejnieh dwarha din? Hadna xi risposta? Fl-ahhar b'sens ta' esasperazzjoni ma kellniex triq ohra u kellna nduru ghax-xiehda tieghu li ta waqt il-kumpilazzjoni.**

**Ghaliex waqt il-kumpialzzjoni qal dak li qal imbaghad hawnhekk ma ried ighid xejn? Alla hares ma kellniex dik ix-xiehda kieku min jaf x'battikata konna ha niehdu mieghu dan ix-xhud. Imma l-fattizzi kollha tal-kaz, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.”**

**45**. Il-Qorti allura tqis illi l-gurati gew ben diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri ghall-mod kif kellhom jaghmlu l-apprezzament tal-provi li kellhom

[4] Ara indirizz a fol.466 u 467

quddiemhom b'mod ewlieni ix-xiehda ta' Joseph Polidano u ndirizzahom biex jaghmlu paragun bejn il-mod kif xehed *viva voce* u d-deposizzjoni moghtija fil-kumpilazzjoni 'il fuq minn hmistax-il sena qabel. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tistqarr illi lanqas hawn ma sehhet xi rregolarita' kif prospettata mid-difiza tant illi l-gurati kienu mqieghda fl-ahjar posizzjoni sabiex jamministraw gustizzja fil-konfront tal-appellant.

**46**. Irregolarita' ohra ravvizata mill-appellant hija dwar l-ammissibilita' tar-rapport u l-konkluzjonijiet peritali milhuqa mill-espert tal-impronti digitali Joseph Mallia. Issa minn ezami tal-atti ghandu johrog illi l-appellant mal-hrug tal-Att ta 'l-Akkuza fil-konfront tieghu mill-ewwel sab oggezzjoni ghall-inkarigu li gie moghti l-imsemmi espert meta fl-istadju tal-kumpilazzjoni huwa gie mahtur sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti palmari u digitali tal-appellant elevati minnu fl-istadju kumpilatorju, u dawk misjuba fuq ix-xena tar-reat u fuq oggetti ohra elevati u marbuta mal-kummissjoni tal-istess. Di fatti it-tielet eccezzjoni preliminari tieghu li tinsab fin-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata in atti fid-29 ta' Jannar 2009, taqra hekk:

> **" ... l-inammissibilita tar-rapport dwar l-ezami komparattiv fuq l-impronti digitali in vista tal-fatt li dan gie ezegwit minn ex-ufficjal tal-korp tal-pulizija, partikolarment meta tqies il-fatt li l-istess "espert tal-Qorti" kien fil-fatt membru tal-korp tal-pulizija fiz-zmien meta sehh l-incident mertu ta' dawn il-proceduri u dana fuq skorta ta' gurisprudenza kostanti nostrana."**

**47**. Mhux biss izda, f'dak iz-zmien, dan l-ilment kien ukoll gie mressaq mill-appellant quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn beda jallega vjolazzjoni tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-

konfront tieghu u dan minhabba li l-espert forensiku kien membru tal-korp tal-pulizija fiz-zmien li sehh ir-reat tant illi anke mexxa lill-esperti tax-xena tar-reat fl-esekuzzjoni tal-inkarigu lilhom moghti, billi dak iz-zmien huwa kien is-superjur taghhom fit-Taqsima tal-Forensika. Illi l-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni taghha tal-25 ta' Frar 2011 qalet hekk:

> **"Minn ezami tal-fatti tal-kaz in ezami jirrizulta li l-espert Joseph Mallia, nominat mill-Qorti tal-Magistrati ghal fini ta' ezami komparattiv tal-impronti digitali, u dan ukoll wara li ha l-impronti digitali tal-akkuzat quddiem il-Qorti, <u>ma kienx baqa u kwindi m'huwiex</u> aktar membru fil-korp tal-Pulizija. Bil-fatt imbaghad li seta' kien li fil-mument li gew originarjament elevati u ppreservati l-impronti digitali in konnessjoni mal-allegata kommissjoni tar-reat, l-espert Joseph Mallia kien ghadu effettivament membru tal-istess Korp, dan ma jwassalx ghal xi lezjoni ta' natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali, kif qed jigi argumentat mill-appellant. Dan l-argument kien iregi u kien ikun validu biss fil-kaz li Joseph Mallia kien ghadu sa dak il-mument li nhatar ghal fini ta' ezami komparattiv membru fil-Korp. L-appellant isostni li l-element ta' indipendenza u imparzjalita` ta' espert ghandu jkun ukoll prezenti minn punto di vista anki ta' mera percezzjoni, izda din il-Qorti jidhrilha li bil-fatt wahdu li l-espert fl-imghoddi kien fil-Korp tal-Pulizija m'ghandux ifisser jew isegwi li allura huwa ghandu xi forma ta' inibizzjoni jew interdizzjoni perpetwa milli qatt iservi qua espert tekniku fi proceduri bhal dawn. Wara kollox, kull opinjoni hekk moghtija, fuq haga teknika jew m'hijiex, hija dejjem soggetta ghall-iskrutinju u kontroll tad-difiza, oltre li l-ahhar kelma, jew ahjar gudizzju li jorbot, jispetta lill-gudikant u mhux lill-espert. Ma hemm xejn milli jzomm lid-difiza (fil-procedura kriminali), jekk ghandha provi jew ragunijiet tajbin b'dan is-sens, illi tattakka l-validita` jew l-attendibilta` ta' kull opinjoni li tkun giet espressa jew moghtija mill-espert. Imma dan mhux a bazi tal-fatt li darba l-espert kien membru tal-Korp tal-Pulizija, ghaliex kif tajjeb gie rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata,**
>
> > **"…ghaliex l-istess persuna nominata ma hijiex membru tal-Korp, u certament li m'hijiex fil-kontroll tieghu (i.e. tal-Kummissarju) u lanqas biss saret din l-allegazzjoni."**

**Anzi, jista' jinghad li fil-mument li gie nominat l-espert Mallia ghall-fini indikat, huwa kien taht il-kontroll u jirrispondi biss ghall-Qorti u ghal hadd izjed."**

**48**. Illi l-appellant mbaghad fittex li jressaq dan l-ilment quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, izda l-ilment tieghu kien respint b'decizjoni tal-05 ta' Gunju 2012 billi r-rimedji domestici ordinarji kienu ghadhom ma gewx ezawriti stante li l-proceduri kriminali istitwiti kontra l-appellant kienu ghadhom pendenti.

**49**. Illi l-appellant allura mar ghad-decizjoni tal-Qorti Kriminali fuq l-eccezzjoni minnu imqanqla liema eccezzjoni giet michuda. Illi b'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament komposta tat-23 ta' Jannar 2014 kien deciz:

**"Issa, fil-kaz in eżami Joseph Mallia kien membru tal-Korp tal-Pulizija meta seħħew ir-reati in kwistjoni iżda ma kienx membru tal-Korp meta ġie nominat. Mill-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta illi l-impronti diġitali ġew elevati minn P.C. 964 Robert Scicluna u mhux mill-allura P.S. 673 Joseph Mallia li xehed li kien mar fuq ix-xena tad-delitt mat-team iżda ma wettaq l-ebda xogħol. Is-suġġeriment ta' l-appellant li Joseph Mallia kien ħa sehem fl-investigazzjoni hi għalhekk biss konġettura. Il-fatt hu li l-oppożizzjoni ta' l-appellant hi bażata unikament fuq il-fatt li fi żmien ir-reati in kwistjoni Joseph Mallia kien membru tal-Korp tal-Pulizija. Imbagħad il-komparazzjoni li għamel Joseph Mallia ma kienx mad-database tal-Pulizija iżda bejn l-impronti li kienu ġew elevati minn P.C. 964 u dawk ta' l-appellant li reġa' ħa Joseph Mallia wara nomina appożita mill-Qorti Istruttorja. Għalhekk, ġaladarba l-appellant "did not produce any element showing that the [expert] complained of performed [his] duties in a way which was not impartial and objective", u ġaladarba kull opinjoni moghtija mill-imsemmi espert, se tkun soġġetta għall-iskrutinju u kontroll tad-difiża, oltre li l-aħħar kelma, jew aħjar ġudizzju li jorbot, jispetta lill-ġudikant – f'dan il-każ il-ġuri – l-ewwel aggravju ta' l-appellant qiegħed jiġi miċħud."**

**50**. Dan ifisser allura illi l-ilment li jerga' qanqal l-appellant f'dan l-istadju ta' revizjoni diga' ghadda in gudikat minn din il-Qorti stess fid-decizjoni hawn fuq iccitata. L-appellant ma iressaqx xi mottiv iehor li jista' iwassal lil din il-Qorti biex twarrab ir-rapport tal-espert Mallia. Lanqas ma jidher illi fil-kors tal-guri huwa pprova jattakka l-validita' tal-konkluzjonijiet tal-espert fuq xi binarju iehor ghajr ghal dak li jibqa' jinsisti illi l-espert seta ma' kienx indipendenti u mparzjali minhabba l-fatt li kien membru tal-korp tal-pulizija fiz-zmien tal-kommissjoni tad-delitt u kien is-superjur tal-esperti tax-xena tar-reat meta dawn gew diretti biex jaqdu l-inkarigu lilhom moghti. Illi dan il-punt madanakollu gie sorvolat bid-decizjoni ta' din il-Qorti u ma johrog l-ebda fattur gdid fl-istadju tal-guri li ma kienx a konoxxenza ta' xi hadd mill-partijiet jew tal-qorti meta inghatat id-decizjoni preliminari. Dan ghaliex ghalkemm huwa minnu li l-espert Mallia kien jahdem fit-Taqsima tal-Forensika fi hdan il-korp tal-pulizija lura fl-1996, fejn allura il-pulizija ta' din it-taqsima kienu jigu nominati bhala esperti tal-impronti digitali fost ohrajn tul il-kors tal-*in genere*, madanakollu ma jidhirx illi Mallia ghamel xi xoghol fl-inkjesta magisterjali ghajr ghall-fatt illi kien prezenti meta kienu qed jigu elevati xi impronti digitali mill-esperti mix-xena tar-reat. Mhux biss, izda fuq kollox, meta kien nominat ghaxar snin wara u cioe' fit-03 ta' Mejju 2007 bhala espert biex jaghmel komparazzjoni bejn l-impronti digitali u palmari tal-appellant, elevati minnu stess sussegwentement fis-07 ta' April 2008, u dawk li gew elevati u li kienu jinsabu fl-atti, huwa kienu ilu zmien li ma baqax membru fil-korp tal-pulizija, u allura ma hemmx dubju li l-indipendenza u l-imparzjalita' tieghu ma setghetx giet mittiefsa f'dak l-istadju. Tant hu hekk illi fil-kors tax-xiehda tieghu huwa ddepona b'mod dettaljat dwar kif espleta l-inkarigu lilu moghti u spjega ukoll b'mod konciz rigward l-uniku impronti digitali li instab appartenenti lill-appellant fuq wiehed mill-oggetti elevati mill-vann uzat ghal kummissjoni tad-

delitt, b'tali mod li ma jidhirx illi d-difiza li ghamlet kontro-ezami dettaljat lil dan l-espert irriskontrat xi nuqqas fil-mod kif l-inkarigu gie espletat.

**51**. Finalment l-Imhallef li ppresjeda l-guri gustament jiggwida lill-gurati b'dan il-mod fir-rigward tal-ilment imqanqal mid-difiza:

> **Veru kif qaltilkom id-Difiza, kif qaltilkom ukoll il-Prosekuzzjoni li bhala principju, bhala principju intom m'intomx marbutin bil-konkluzjonijiet ta' dawn l-esperti .... Pero' lanqas ma tistghu tiskartawhom kapriccozament. ...**
>
> **"Intqal hafna fuq in-nomina tal-espert Joseph Mallia. Joseph Mallia ghamel zmien membru tal-korp kien dejjem espert tal-marki tas-swaba, hareg mill-korp fl-2004 imbaghad kompla jaghti s-servizzi tieghu bhala freelance. Huwa ghadu jigi nominat mill-Qorti sabiex jaghmel ezamijiet komparattivi. Toqghodux tidhlu fil-kwistjonijiet ta' meta u kif gie nominat, kienx membru tal-korp dak iz-zmien, tax ordni lil haddiehor biex ikompli bix-xoghol – tidhlux f'dawn l-affarijiet, dawn ma ghandhom x'jaqsmu xejn. Din hija kwistjoni trid tigi dibattuta quddiem Qorti ohra, mhux hawn. Is-Sur Mallia gie moghti l-inkarigu fl-2004 sabiex jaghmel ezami komparattiv. Dak l-inkarigu hu wiehed validu ghalina f'dan l-istadju, u l-konkluzjoni tieghu rridu nirrispettawha. Din hija prova, circumstantial evidence li rridu noqghodu fuqha. Meta is-sur Mallia jghidilna l dik l-impronti li kien hemm fuq il-borza kienet tal-akkuzat mela dak huwa fatt illi irridu naccetawh ghax ma ghandniex prova ohra x'jindika mod iehor.**
>
> **Issa jekk dan pero' jwassalx ghal konkluzjoni, l-unika konkluzjoni li dik il-finger print torbot lil akkuzat fuq ix-xena tad-delitt dik hija haga ohra li intom tridu tirragunaw. Ma nistax nghidilkom jien ghax inkun qed naghti opinjoni, din hija xi haga li tridu taslu ghaliha intom."**

**52. Premess dan kollu l-ilment tal-appellant ma jistax jigi akkolt, ladarba mhux biss, kif inghad, il-mertu tal-oggezzjoni tieghu gie ezawriet bid-decizjoni**

**ta' din il-Qorti tat-23 ta' Jannar 2014, izda ukoll ghaliex tul il-kors tal-guri, l-appellant ma iressaq l-ebda mottiv, li seta' iwassal lill-gurati u issa lil din il-Qorti ta' revizjoni, titbieghed mill-fehmiet u konkluzjonijiet milhuqa mill-espert Joseph Mallia tant illi dan jista' iservi ta' pregudizzju ghall-appellant u ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja.**

**Ikkunsidrat :**

**53**. Illi l-ahhar irregolarita' li iqanqal l-appellant fil-proceduri li sehhew quddiem l-Ewwel Qorti hija diretta lejn ix-xiehda tal-ex-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u dan specifikatament f'dik il-parti tax-xiehda fejn ix-xhud jindika illi huwa kien jaf lill-appellant fil-kors tax-xoghol tieghu u li ghalhekk implika li l-appellant kellu l-kondotta imcappsa. Dan fil-fehma tieghu kellu influwenza fuq il-verdett b'mod negattiv u kwindi sehhet amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

**54**. Illi mill-verbal tas-seduta tad-09 ta' Ottubru 2014 meta xehed l-ex Kummissarju John Rizzo jirrizulta illi fil-kors tax-xiehda tieghu, ix-xhud stess issospenda ix-xiehda tieghu ghaliex xtaq jitlob direzzjoni mill-Qorti u dan minhabba d-domandi li kienu qed isirulu. Il-verbal tas-seduta jaqra hekk testwalment:

> **"F'dan l-istadju ix-xhud talab direzzjoni mill-Qorti.**
>
> **Il-gurati ntalbu li johorgu mill-awla.**
>
> **Gie diskuss il-mod kif ghandhom isiru d-domandi u jinghataw it-twegibiet minghajr ma jissemma l-passat tal-imputat.**

**Issejjhu l-gurati li accedew fl-awla.**

**Dr. Raphael Fenech Adami kompla l-kontro-ezami tax-xhud."**

**55**. Jidher illi ix-xhud xtaq jitlob direzzjoni mill-qorti fil-kors tal-kontro-ezami tieghu meta d-difiza bdiet tistaqsieh mistoqsijiet dwar il-hajja personali tal-appellant li minnhom il-gurati setghu jifhmu li x-xhud kien jaf lill-appellant. Fil-fatt bi twegiba ghal mistoqsija tad-difiza dwar jekk ix-xhud kienx jaf illi l-appellant kellu problemi fiz-zwieg tieghu minhabba l-fatt li l-mara tal-appellant allegatament kellha relazzjoni ma' Amadeo Brincat, li ukoll kien qed jigi implikat fil-kummissjoni tar-reat, ix-xhud talab direzzjoni mill-Qorti billi wiegeb illi kien jaf fuq dawn il-fatti billi lill-appellant kien jafu fil-kors tax-xoghol tieghu. Illi hawnhekk il-Qorti fl-assenza tal-gurati tat direzzjoni lix-xhud u lill-partijiet kif kellhom isiru l-mistoqsijiet u kif kellu iwiegeb ix-xhud. Fl-ebda hin ma jidher illi id-difiza talbet ix-xoljiment tal-guri minhabba fil-mod kif kien qed jixhed ix-xhud. Anzi kien ix-xhud stess illi xtaq lill-Qorti tiggwidah fil-mod kif kellu jwiegeb billi ma riedx jizvela l-fatt illi l-appellant kellu kondotta kriminali u allura kien maghruf mal-pulizija. Illi fl-ebda parti tax-xiehda tal-ex-Kummissarju Rizzo ma tissemma l-kondotta kriminali tal-appellant u l-fatt li kien gie investigat jew mixli ghal reati ohra mhux marbuta mal-kaz in dizamina. Illi allura dan ma setax isarraf f'xi influwenza negattiva fuq il-verdett milhuq, gjaldarba qatt ma ingiebu a konjizzjoni tal-gurati il-precedenti penali tal-appellant minn dan ix-xhud.

**56. Ghal dawn il-motivi anke dan l-ilment ma jisthoqqlux akkoljiment.**

**Ikkunsidrat :**

**57**. Stabbilit kwindi illi fl-ebda parti tal-guri ma sehhet xi rregolarita' u lanqas ma kien hemm interpretazzjoni zbaljata ta' dritt, din il-Qorti tista' tghaddi sabiex tqis l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant fejn din il-qorti ta' revizjoni qed tigi imsejha biex taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi kollha li gew ipprezentati ghall-konsiderazzjoni tal-gurati. Għalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati, setgħux legalment u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha[5], iktar u iktar meta huma kellhom ix-xorti jisimghu ix-xhieda jixhdu *viva voce* u ghalhekk setghu jiehdu kont tal-imgieba taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

**58**. Dan qed jigi emfasizzat billi it-twegiba ghall-ilment tal-appellant fl-ahhar mill-ahhar tistrieh fuq il-kredibilita' tax-xhieda b'mod specjali dik ta' Joseph Polidano u Carmelo Spiteri. Izda kif inghad minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza taghha tal-1 ta` Dicembru 1994 fil-kaz "**Ir-Repubblika vs Ivan Gatt**" :-

[5] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; IrRepubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**“Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.”**

**Ikkunsidrat :**

**59**. Ibda biex l-ewwel divergenza li tezisti bejn it-tezi tad-difiza u dik tal-prosekuzzjoni hija dwar in-numru ta’ persuni li kienu involuti f’dan it-tentattiv ta’ serq, bid-difiza tinsisti illi l-provi kollha jindikaw illi kien hemm tlieta minn nies biss involuti, filwaqt li l-Avukat Generali jishaq illi ghalkemm kienu tlieta l-irgiel li effettivament dahlu fil-fergha tal-bank, dan ma jeskludiex il-fatt illi seta` kien hemm xi persuni ohra nvoluti f’din il-kongura kriminali, ghalkemm fil-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuza jigi indikat illi kien hemm l-involviment ta’ tlieta min-nies.

**60**. Illi huwa ndubitat u mhux kontestat il-fatt illi numru ta’ hallelin dahlu fil-fergha tal-Mid-Med Bank ta’ Saint Andrews fl-ghodwa tas-27 ta’ Marzu 1996 bl-intenzjoni li jisirqu l-flus. Dan huwa kkonfermat minn diversi xhieda li kienu prezenti gewwa l-bank, bil-maggior parti jkunu impjegati, fejn uhud isemmu illi raw tliet persuni, ohrajn jindikaw tnejn u xi xhieda ohra lahqu raw wiehed biss. Issa hadd minn dawn ix-xhieda madanakollu ma kien kapaci jidentifika l-hallelin, li pprezentaw ruhhom mghammdin u lebsin *boiler suits*. Illi anke z-

zewg Pulizija tal-Mobile Squad li sfrattaw is-serqa ukoll jindikaw illi raw tlieta min-nies hergin mill-bank, izda ukoll mhumiex f'posizzjoni jindentifikawhom. Finalment anke x-xhieda okulari li raw lill-malviventi nezlin mill-vann uzat fil-kummissjoni tar-reat wara li dawn harrbu minn fuq il-post u telquh gewwa San Giljan, ukoll ighidu illi raw tlieta min-nies, ukoll mhux identifikabbli ghalkemm f'dan l-istadju huma ma kenux aktar mghammdin.

**61**. Illi allura huwa biss Joseph Polidano li jishaq illi l-ftehim sehh bejn hamsa min-nies bl-appellant ikun wiehed minnhom u jkun dak li jgorr l-armi li ntuzaw fil-kummissjoni tar-reat f'zewg basktijiet. Carmelo Spiteri min- naha tieghu, kif inghad, ighid li kienu tliet persuni, u l-appellant ma kienx wiehed minnhom. Fil-vann li jintuza fid-delitt jinsab basket tal-plastik kontenenti armi u munizzjon li minn fuqu kienu elevati mpronti digitali wiehed minnhom appartenenti lill-appellant. Mill-ezamijiet forensici li saru tal-oggetti kollha elevati mill-ufficjali tax-xena tar-reat ma nstabu l-ebda indizji ohra li holqu ness bejn il-kummissjoni tad-delitt u l-appellant. Ma nstabu l-ebda impronti digitali ohra, la fil-vettura u lanqas fuq il-hwejjeg elevati fosthom skufji u *boiler suits* u lanqas nstabet iil-presenza tad-DNA tal-appellant, ghalkemm fuq tnejn mill-balaklavi elevati mill-pulizija jinsab il-presenza tad-DNA ta' zewg persuni differenti li ma jkunux la ta' Polidano u lanqas ta' Spiteri.

**62**. Il-malviventi jabbandunaw il-vann misruq gewwa San Giljan li minnu jinzlu Polidano u Spiteri it-tnejn feruti, izda billi Polidano ma jkunx jista' jimxi minhabba l-ferita riportata f'saqajh huwa jithalla hemmhekk u l-ohrajn jitilqu minn fuq il-post. Illi anke hawnhekk jinsorgi konflitt f'dak li jixhdu ix-xiehda

okulari billi ghalkemm ix-xhud Joseph Bonello ighid li jara tlieta min-nies li jitilqu minn fuq il-post b'pass normali u ma jsemmi xejn dwar dak il-wiehed li kien ferut u li allura baqa' fuq il-post, ohrajn jinsistu illi raw tlieta min-nies, bi tnejn minnhom ighinu lil wiehed ferut, li wara jirrizulta li kien Polidano u li mbaghad iz-zewg malviventi l-ohra jabbandunawh fuq il-post.

**63**. Spiteri, li wara jirrizulta illi kien gie ukoll ferut, jigi mistohbi f'residenza gewwa Hal-Qormi appartenenti lill-familja tal-appellant u li kellu access uniku ghal dan il-post l-istess appellant billi jishaq illi huwa biss kellu cavetta tal-post, u dan ghalkemm meta imorru il-pulizija flimkien mal-appellant, c-cavetta tal-appellant ma tkunx kompatibbli mas-serratura.

**64**. Illi allura mill-atti jemergi illi l-appellant gie mixli bl-involviment tieghu fil-kummissjoni ta' dan il-*hold-up* fuq ix-xiehda tal-komplici tieghu Joseph Polidano u xi provi indizzjarji, provi izda li fil-fehma tad-difiza ma kenux jilhqu il-grad tal-konvinciment morali tant illi l-appellant jishaq illi l-gurati sabuh hati hazin meta gew ipprezentati quddiemhom il-fatti kollha tal-kaz.

**65**. Issa ibda biex din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xiehda tat-tnejn mill-malviventi li kienu involuti fil-*hold-up* mertu tal-kaz. Joseph Polidano u Carmelo Spiteri it-tnejn jammettu l-involviment taghhom meta jigu mixlija l-qorti bl-istess reati addebitati lill-appellant u ghalhekk il-kaz taghhom ighaddi in gudikat. Polidano jaccetta li jassisti lill-pulizija fl-investigazzjonijiet u ghalhekk jaghtihom informazzjoni dwar il-persuni kollha assocjati flimkien f'dan id-delitt li fl-ahhar mill-ahhar ma jirnexxiex. Wara dan il-pulizija ezekuttiva tixli lill-

appellant bl-involviment tieghu ukoll ghaliex xi provi indizzjarji li johorgu mill-istess investigazzjoni isahhu il-verzjoni moghtija lilhom minn Polidano.

**66.** Joseph Polidano ghalhekk jixhed fl-istadju tal-kumpilazzjoni fejn jimplika lill-appellant bhala wiehed mill-hames hallelin li ipprezentaw rwiehom il-Mid-Med Bank fl-ghodwa tas-27 ta' Marzu 1996. Illi ghalkemm Joseph Polidano juri riluttanza kbira biex jixhed fil-guri u jibda ighid li ghadda z-zmien u ma jistax jiftakar hafna mid-dettalji li jigu lilu mistoqsija, madanakollu tul id-deposizzjoni izomm ferm mal-affermazzjoni minnu maghmula lura fl-1997 meta jixhed fil-kumpilazzjoni illi l-appellant kien involut fil-*hold-up*.

**67.** Fil-verzjoni tieghu tal-fatti Joseph Polidano in succint ighid illi kienu iltaqghu Haz Zabbar fl-ghodwa tas-27 ta' Marzu 1996 hu, Amadeo Brincat, l-appellant, Carmelo Spiteri (il-Bizbizellu) u George Cutajar miz-Zejtun (il-Manocc). Ighid illi l-ftehim biex issir is-serqa mill-Mid-Med Bank ta' St. Andrews isir bejn il-hamsa li huma, b'Polidano ighid li Brincat kien seraq vann li intuza sussegwentement fis-serqa. Dan kien qed jinzamm gewwa garaxx f' Haz Zabbar tant illi meta harrgu il-vann mill-garaxx sakkar hu u zamm ic-cwievet. Ighid illi l-appellant saq il-vettura tieghu sa Birkirkara u gabbruh minn hemmhekk, filwaqt li Amadeo Brincat kien qed isuq Golf sewda u iltaqghu mieghu fuq il-post. Jiftakar li l-vann kien tal-marka Toyota abjad b'faxx maroon u kien qed jinsaq minn George Cutajar. Ighid li l-imhuh wara l-organizazzjoni tas-serqa kienu Amadeo Brincat u George Cutajar. Jiftakar li kellhom zewgt isnieter u zewg *revolvers,* xi balaklavi u l-*boiler suits*. Meta waslu hdejn il-bank ighid li l-hamsa li huma dahhlu gewwa. Dahal l-ewwel Amadeo Brincat, warajh Carmelo Spiteri,

imbaghad dahal hu. Brincat zamm il-pulizija li kien ghassa mal-bieb, imbaghad hu tefghu mal-art. F'dan il-mument josserva li l-pulizija kellu d-demm fuq mohhu. Wara dahhlu l-appellant u George Cutajar li kellhom jkunu dawk in-nies li jiehdu l-flus mis-sejf. Jiftakar illi Carmelo Spiteri ha l-arma min idejn il-pulizija, liema arma jishaq li spiccat ghand George Xuereb, l-appellant. Fil-fatt jishaq illi l-armi kien gabhom George Xuereb. Waqt li kien qed izomm lill-pulizija, josserva zewg pulizija ohra barra l-bank. Ghalhekk sejjah lil Carmelo Spiteri li qal lit-tlieta l-ohra biex imorru ghax kienu imdawwrin. Harrbu u harrgu barra l-bank. Amadeo u l-appellant rikbu fil-vann u hu qala tir f'siequ ix-xellugija. Prova jirkeb fil-vann mill-bieba ta' wara izda waqa' u waqalu is-senter li kien qed izomm. Fl-ahhar irnexxielu jitla' mill-bieba tal-genb. Amadeo spara ir-*revolver* izda hu qallu biex ma jisparax ghax spiccaw il-*bullets* u ghalhekk dan spara fl-ajru.  Fil-vann kienu erbgha - Brincat, l-appellant, hu u dahal ukoll Carmelo Spiteri. Ighid li George il-Manocc harab bil-mixi. Jiftakar li kien saq Amadeo Brincat filwaqt li hu kien mimdud fil-vann u beda jipprova inehhi il-*boiler suit*. Jiftakar li waqqfu Paceville u jiftakar ukoll li kienu laqqtu xi karozza ohra fi triqthom lejn Paceville. Fil-vann nehhew il-*boiler suits*, il-*hoods* u l-ingwanti. Kellu jigbor kollox George Xuereb ghax kellu zewg basktijiet, izda jiftakar illi fil-vann spiccaw bir-*revolvers* biss, minghajr is-snieter u osserva illi r-*revolver* tal-pulizija kien ghand George Xuereb.

**68**. Kif waslu Paceville u nizlu mill-vann hu ma setax jimxi u zamm ma' Brincat u George Xuereb biex ikun jista' jimxi. Ighid li Carmelo Spiteri harab. Lil Brincat u lil Xuereb qalilhom biex ihalluh u idabbru rashom ghax ma felahx jimxi. Shabu wassluh sal-parapett ta' residenza fejn imbaghad instab mill-pulizija. Dan ma kienx fl-istess triq fejn waqqfu il-vann, izda telghu 'il fuq u daru

lejn ix-xellug. Hawn sabu l-ispettur Stephen Gatt iktar tard. Qabel ma sabuh il-pulizija huwa rema il-papocca li kien liebes u li l-pulizija ighidu li sabu f'ghalqa li hemm fil-faccata tal-parapett. Meta kien fil-parapett kienu marru ikellmuh zewg turisti inglizi. Imbaghad kien hemm mara li gabitlu kafe'.Gabulu siggu u qaghad bil-qieghda. Kellu ukoll xi cwievet li hbiehom wara gebla, wahda kienet tal-vann u l-ohra tal-garaxx ta' Haz Zabbar minn fejn kienu gabbru il-vann misruq. Wara wasslet l-ambulanza u ittiehed l-isptar.

**69**. Jikkonferma li l-appellant kien qed igorr zewg basktijiet wiehed tal-kanvass u l-iehor tal-plastic. Fil-baskett tal-kanvass kien hemm is-snieter u f'tal-plastic kien hemm *revolver*. Jiftakar li meta kien Paceville b'Xuereb u Brincat ighinuh jimxi, ighid li ra lil George Xuereb qed izomm il-basket tal-kanvas, izda ma rax il-basket l-iehor f'idejh.

**70**. Meta jixhed in kontro-ezami Polidano ighid illi huwa ltaqa' mal-appellant l-ewwel darba dak in-nhar. Jiftakar illi meta iltaqghu Haz Zabbar, l-appellant wasal b'karozza tieghu blu, tal-ghamla Baby Austin. Mistoqsi jekk dahhlux fil-bank il-hamsa li huma ighid li cert li dahhlu hu, Brincat u Spiteri, ghalkemm mhux cert x'ghamel Xuereb pero' meta hargu mill-bank jaf li rah fil-vann. Jibqa' jinsisti illi ghalkemm lil Xuereb ma rahx diehel u lanqas hiereg mill-bank pero' cert li hu gie maghhom ghas-serqa u meta telqu minn fuq il-post rega' kien gol-vann maghhom. Jibqa' jinsisti ukoll li meta hareg mill-vann f'Paceville zamm ma'l-appellant. Ighid hekk meta l-avukat difensur tal-appellant jibqa' jinsisti mieghu illi kienu biss tlieta minn nies involuti u cioe' hu, Spiteri u Brincat:

**"Jien inwiegeb dak li ghidt l-ewwel ha nerga nghidu issa. Jien naf li George Xuereb gie maghna l-bank pero' jiena ma rajtux hiereg. U lanqas rajtu diehel mieghi, imma naf li gie maghna wkoll. Gie maghna ghal hold up zgur."**

Jerga' ighid:

**"Jien naf li kif hrigt mill-vann zammejt ma' George Xuereb".**

**71.** Carmelo Spiteri min- naha tieghu jikkontendi illi f'din il-kongura kriminali kienu tlieta minn nies u cioe' hu, Joseph Polidano u Amadeo Brincat. L-idea biex jaghmlu is-serqa kienet tieghu, imbaghad gew mieghu Polidano u Amadeo Brincat. Ftiehmu xi hmistax qabel u hu u Amadeo poggew l-armi f'xi proprjeta gewwa Hal Qormi, flimkien ma' xi barnuzi u *boiler suits*. Iltaqghu Haz Zabbar, Garden Road. Rikbu go vettura misruqa Golf u ghaddew Hal Qormi ghall-armi, pero' mhux cert jekk hux dak in-nhar gabbruhom jew gurnata qabel. Jiftakar iqieghdhom go basket tal-plastik. Id-darbtejn li marru Hal Qormi fetah Amadeo Brincat b'cavetta. Qallu li f'dan il-post ma kien ighix hadd u kien ta' wahda jisimha Carmen mhux cert jekk qallux li kellu relazzjoni ma' din il-mara.

**72**. Kif waslu St. Andrews nizlu mill-karozza it-tlieta li huma u rikkbu fil-vann. Kif dahhlu il-bank Brincat ta daqqa lill-pulizija, u hu hadlu l-arma. Jiftakar li l-ewwel dahal Amadeo Brincat, imbaghad Polidano u fl-ahhar dahal hu. Brincat u Polidano hattfu lill-pulizija, filwaqt li hu hadlu l-arma u Amadeo tah daqqa fuq rasu bis-senter. Wara xi ghaxar minuti xi hadd qalilhom li kienu imdawwrin. F'dan il-hin hu kien tiela' it-tarag wara xi nies li kienu harrbulu. Hareg jigri 'il barra u f'dan il-mument ighid li lemah lil Polidano fl-art bid-demm u ghenu biex

jitla’ fil-vann. Amadeo hareg ziffa minn hdejhom u rikeb fil-vann u saqu lejn Paceville fejn hallew il-vann. Ma jiftakarx illi hu intlaqat fl-isparatura li sehhet mill-pulizija fuqhom. Jiftakar lil Polidano mitluq fil-vann kollu demm. Billi kien ferut meta wasslu bil-vann gewwa Paceville, hu u Amadeo telquh hemmhekk u rikkbu fil-vettura ta’ Amadeo Brincat li kienet ipparkeggjata fil-qrib tal-marka Daewoo. Fil-fatt jiftakar li Brincat waqqaf il-vann vicin din il-vettura. Telqu minn fuq il-post u marru fil-post ta’ Hal Qormi.

**73**. Ghalkemm ighid li ma ntlaqatx fl-isparatura izda ighid li kellu girfa qabel l-incident f’saqajh. Huwa baqa’ mistohbi f’dan il-post gewwa Hal Qormi fejn Amadeo kien imur izuru kuljum. Wara gimgha hadlu *television* u *video* u *telecell*, li imbaghad gie elevat mill-pulizija. Ighid li lill-appellant sar jafu wara l-kaz. Meta mistoqsi in kontro-ezami jekk kenux tlieta minn nies involuti fil-kummissjoni tar-reat, donnu jimplika illi fil-fatt kienu miftiehma dak in-nhar iktar minn tlieta meta ighid hekk:

> **“tlieta. Mhux ahna dhalna? Ahna ha nohduhom. Issa ta’ barra ma jghoddux.” ...**

Ighidlu hekk l-prosekutur:

**“Le ta barra nies maghkom, tghallimni inti dan ix-xoghol kif isir.**

Wiegbu:

**“kont noqghod jien allura barra, kont niffranka hafna xoghol.”**

**74**. Illi rinfaccjati b'dawn iz-zewg verzjonijiet, il-gurati taw affidament lill-verzjoni ta' Joseph Polidano bhala dik l-iktar kredibbli. Dan il-fatt huwa rifless fil-verdett finali li kien kwazi wiehed unanimu ghal kapi kollha fl-Att ta'l-Akkuza.

**75**. Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ma tistax issib raguni wahda li jista' iggieghel titbieghed minn dan l-apprezzament billi huwa wiehed legalment u fattwalment imsejjes fuq il-provi li kien hemm fl-atti.

**76**. Illi ghalkemm huwa minnu li l-ebda wiehed mix-xhieda okulari, ghajr ghax-xhud Anthony Wearing, ma isemmu li raw iktar minn tlieta minn nies, b'uhud isemmu wiehed u ohrajn jaraw tnejn biss, madankollu fil-fehma tal-Qorti dan ma jeskludiex illi seta' kien hemm tnejn minn nies ohra involuti kif jikkontendi Polidano billi l-ebda wiehed mix-xhieda ma kellhom il-vizwali tax-xena kollha kif kienet qed tizvolgi quddiemhom, u tal-vann kemm minn gewwa kif ukoll mad-dawra tieghu, b'uhud allura ikunu biss fuq in-naha ta' gewwa tal-bank, min fis-sular ta' isfel u min fuq, u l-pulizija (ex-PCl832 Edward Falzon u ex-PC1377 Cilia) li jkunu fuq in-naha ta' barra u li sfrattaw is-serqa, ighidu illi lanqas kellhom vizwali ta' dak li kien qed jigri gewwa il-vann fuq wara u lanqas min seta' kien hemm wara l-post fejn kien ipparkeggjat il-vann. Illi n-nies lli kienu gewwa l-bank imbaghad jidher illi tant kienu fi stat ta' paniku illi kellhom lil malviventi, jew uhud minnhom biss, fil-vizwali taghhom ghal ftit minuti bit-tir ewleni taghhom ikun li jaraw kif ser jaharbu u jistahbew mill-hallelin. Dawk li ma harrbux tqieghdu wicchom 'il isfel mal-art minn uhud mill-malviventi u ghalhekk ma setghux jibqghu isewgu dak li kien qed jigri. L-uniku xhud li ighid li

ra tlieta jew erbgha minn nies hergin mill-bank huwa Anthony Wearing li kien jahdem gewwa il-Bonello Service Station li jinsab biswit il-bank u li fil-garaxx tieghu kienu waqqfu iz-zewg pulizija tal-*mobile squad* biex jonfhu it-*tyre* tal-vettura tas-servizz, li imbaghad sfrattaw is-serqa.

**77**. Illi anke meta l-vann wasal Paceville u x-xhieda okulari prezenti hemmhekk ighidu li raw tlieta min-nies, lanqas hawnhekk ma hemm konsistenza b' Bonello ighid li ra tlieta minn nies ta' statura qawwija jinzlu mill-vann u jitilqu b'pass normali minghajr ma josserva lill-ebda ferut filwaqt li Saviour Borg u Sheila Zahra ighidu li wiehed kien qieghed izappap u kien ferut, jigi meghjun minn tnejn ohra. Dawn imbaghad cemplu ghall-ambulanza u ghall-pulizija.

**78**. L-appellant min-naha tieghu, kif inghad, jichad l-involviment tieghu fil-kummissjoni tar-reat. Ighid li hu ma kienx jaf lill-erbgha min-nies l-ohra li allegatament kienu involuti f'dan il-*hold-up*. Sar jaf wara illi l-mara tieghu kellha relazzjoni extra-konjugali ma' Amadeo Brincat. Dan sar jafu minn ghand certu Silvio Pace, li gie prodott bhala xhud in difeza, li stqarr mal-appellant li kien ra lil martu ma' Brincat f'diversi okkazzjonijiet. Jissuspetta allura illi kienet martu li hadet it-*telecell* tieghu, li allegatament instab wara ghand Carmelo Spiteri, u li hu kien haseb mitluf, kif ukoll ic-cavetta tal-post ta' Hal Qormi fejn kien mistohbi Carmelo Spiteri, u dan *ad insaputa* tieghu. Jahseb li kienet martu, li ighid li illum huwa mifrud minn maghha, li ghaddiet dawn l-oggetti lil Amadeo Brincat. Jikkonferma illi huwa kellu ic-cavetta ghal post ta' Hal Qormi. Izda meta huwa mar mal-pulizija biex jiftah il-fond, din ic-cavetta ma hadmitx. Ighid

illi huwa ma jafx lil Carmelo Spiteri u lanqas kien jaf li dan kien qed jigi mizmum f'dan il-fond appartenenti lill-familja tieghu gewwa Hal Qormi. Ighid illi f'dan il-fond ma kien ighix hadd u hu kien gie moghti l-inkarigu mill-familja biex ibattlu mill-affarijiet li kien fih, izda ghalkemm kien beda jizbarazzah, kien ghamel zmien waqaf u ma resqax iktar 'l hemm. Ikompli jixhed illi f'dak iz-zmien huwa kien qed juza il-karozza ta' missieru tal-ghamla Baby Austin (liema vettura Polidano jallega li kien mar biha biex jiltaqa' maghhom fl-ghodwa tas-serqa). Ighid izda illi fl-ahhar ta' Marzu din kienet ghand il-*mechanic* ghax kienet bil-hsara u mar jigborha minn ghandu proprju fil-jum tal-allegat *hold up*, izda fil-ghaxija. Fil-fatt iressaq lill-*mechanic* bhala xhud biex jikkonferma dan il-fatt.

**79.** L-appellant izda ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar x'kien qed jaghmel f'dik l-ghodwa tas-27 ta' Marzu 1996, hlief li jibqa' isostni illi huwa ma kienx prezenti mal-hallelin l-ohra meta sehh il-*hold-up* fuq il-bank. Lanqas ma iressaq mottiv wiehed 'il ghala Polidano li allegatament kien bniedem li lanqas biss jafu kellu jimplikah bhala wiehed mill-komplici fil-kummissjoni tar-reat. Illi gjaldarba l-appellant ghazel li jirrinunzja ghad-dritt tieghu ghas-silenzju u ha il-pedana tax-xhieda, huwa kellu iressaq il-provi sal-grad mistenni minnu fil-ligi sabiex jipprova ixejjen it-tezi tal-prosekuzzjoni.

**80**. Illi rinfaccjati b'dan il-kunflitt fil-provi, il-gurati madanakollu ghogobhom jaghtu affidament lill-verzjoni moghtija minn Joseph Polidano.

**81.** Illi kif gie ritenut:

**"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."**

**82**. Dan ukoll ghaliex apparti dawn il-verzjonijiet konfliggenti l-gurati kellhom provi ohra indizzjarji u cirkostanzjali li setghu jindikaw illi verzjoni wahda kienet iktar verosimili minn ohra.

**83**. Illi guristi Inglizi bhal per ezempju Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahlu fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita`:

**"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. ."**

**84**. Illi hu palezi illi l-impronti digitali unika li instabet appartenenti lill-appellant hija prova b'sahhtitha li meta marbuta mal-evidenza l-ohra li hemm fl-atti tipponta lejn ir-reita' u dan ghaliex din instabet fuq basket tal-plastik uzat mill-malviventi sabiex igorru l-armi li intuzaw fil-kummissjoni tad-delitt. Mhux

biss izda dan il-basket gie misjub fil-vann li gie uzat mill-hallelin sabiex jaharbu minn fuq ix-xena tad-delitt.

**85**. Illi l-appellant jipprova ighid illi dan il-basket tal-plastik seta’ ttiehed mill-hallelin mill-fond li kien kiseb access ghalih Amadeo Brincat u fejn skont il-verzjoni moghtija minn Carmelo Spiteri kienu qed jigu mohbija l-armi tan-nar qabel il-kummissjoni tar-reat, u dan ghalkemm huwa stess jishaq *ex admissis* illi huwa biss kellu cavetta ghal dan il-fond gewwa Hal Qormi. Jipprova johloq storja meta ighid li jissusspetta li din ic-cavetta insterqet mill-mara tieghu li f’dak iz-zmien kellha relazzjoni ma’ Brincat u li dan ghalhekk uza dan il-fond sabiex jahbi l-armi tan-nar u wara sabiex jahbi ukoll lil Spiteri li kien ferut u dan *ad insaputa* tieghu. Ighid ukoll illi huwa seta’ mess dan il-basket tal-plastik, li fil-fehma tieghu ittiehed minn dan il-fond, meta kien qed jizbarazzah. Madanakollu dawn l-allegazzjonijiet jigu imressaq lill-gurati bhala suspetti u mhux bhala fatti ippruvati tal-inqas fuq bazi tal-probabbli. Xi prova iressaq l-appellant sabiex isahhah is-suspett li kellu illi l-mara tieghu kienet haditlu c-cavetta tal-fond fejn kien qieghed dan il-baskett? Xi prova iressaq l-appellant biex isahhah dak li ighid li kien hu li kien qed jisbarazza l-fond ta’ Hal Qormi? Xi prova iressaq l-appellant sabiex isahhah il-fatt allegat minnu illi dak il-basket tal-plastik li fuqu instabet il-marka tas-subajgh tan-nofs ta’ idu ix-xellugija kien jinstab proprju fil-fond ta’ Hal Qormi qabel il-kummissjoni tar-reat? Iressaq biss allegazzjonijiet li jistghu jasslu sal-grad tal-possibbli, izda zgur mhumiex bizzejjed b’sahhithom biex jilhqu il-grad tal-prova mistennija minnu skont il-ligi. Fuq kollox sid l-impronti digitali misjuba, ghandu jaghti spjegazzjoni taghha biex huwa jipprova jeghleb din il-presunzjoni ta' htija, spjegazzjoni li l-appellant

sfortunatament ma jipprovdiex sufficjentement izda biss bis-suspetti u il-kongetturi.

**86**. Prova ohra ndizzjarja u determinanti ghar-risoluzjoni ta' din il-grajja hija dik stabbilita bir-rapport ta' l-espert tas-serologija Kamala de Soyza li jasal ghal konkluzjoni illi mill-esebiti mghoddija lilu fosthom *boiler suits* u balaklavi instabet il-presenza tad-DNA ta' erba' persuni differenti, tnejn minnhom ta' Spiteri u Polidano u tnejn ohra ta' zewg persuni ohra. Jikkonkludi illi fuq il-balaklava lewn griz u iswed esebita bin-numru 96ARP218 li kienet giet misjuba mix-xhud Sheila Zahra hdejn ir-Raphael's Hotel gewwa San Giljan u mghoddija lill-pulizija, kif ukoll fuq il-balaklava hadra b'lazz iswed esebita bin-numru 96ARN201 misjuba fl-ghalqa fejn gie mormi wiehed mis-snieter uzat fil-kummissjoni tad-delitt direzzjoni lejn San Giljan, gew misjuba tracci ta' DNA ta' zewg persuni ohra li allura ghalkemm ma jigix stabbilit illi xi wahda minnhom hija appartenenti lill-appellant, madanakollu issahhah il-verzjoni moghtija minn Polidano, u mhux minn Spiteri, illi in-numru tal-malviventi involuti fil-kummissjoni tad-delitt kienu zgur aktar minn tlieta minn nies.

**87.** L-espert ighid hekk fuq id-dokument 96ARP218:

> **"this was a sleeve of a jumper. There were two holes approximately 1/3rd of the way down from the cuff. Reactions for saliva were obtained from an area below the holes. STR types which were different from those of both Spiteri and Polidano were obtained from staining.**

Dwar id-dokument 96ARN201 ighid hekk:

**"This was a tubular piece of green material which was seamed at one end and open at the other. There was a shoe-lace threaded around the opening. There were many holes in the item, two of these were larger than the rest and could be used as eye holes if the item was worn as a balaclava. There was visible white staining in an area underneath the holes. An STR result which was different from both Spiteri and Polidano were obtained from this staining."**

Jikkonkludi hekk allura:

**"DNA from two unknown individuals was found on the balaclavas 96ARP218 and 96ARN201.[6]"**

**88**. Mhux biss izda x-xiehda ta' Carmelo Spiteri ghalkemm tidher soda u kwazi studjata minn qabel, hija ukoll skreditata mhux biss minn dan ir-rapport li jindika li kien hemm zgur erba' persuni involuti fil-kummissjoni ta' dan id-delitt, izda ukoll mir-rapport tal-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri, kif ukoll tal-espert radjologu Dr. Pierre Vassallo. Dawn l-esperti medici gew innominati mill-Inkwirenti meta gie misjub Carmelo Spiteri billi dan instab b'zewg *tattoes* fuq riglejh li kienu jidhru li gew maghmula appozitament sabiex ighattu *entry* u *exit wounds* ta' ferita minn arma tan-nar. Jidher mir-rapporti ta' dawn iz-zewg esperti illi filwaqt li Spiteri kien mistohbi fil-fond gewwa Hal Qormi kienu saru dawn iz-zewg tpingijiet fuq dawn iz-zewg feriti sabiex jigu mistura. Fil-fatt xi inka u ghodda li jintuzaw sabiex isiru dawn it-tpingijiet gew misjuba f'dan il-fond. Jikkonkludu illi huwa evidenti illi Spiteri kien sofra ferita minn arma tan-nar tant illi kien ghad hemm sinjali ta' infjammazzjoni. Ighid hekk Dr. Mario Scerri fix-xiehda tieghu:

[6] Rapport esebit a fol. 331 u 332 tal-process

**"... din dahhlet missila certament mija fil-mija, mill-aspett laterali ghall-aspett medjali. L-angulation kien ta' 50 degrees, jigifieri dan huwa kompatibbli ta' low velocity missile.[7]"**

L-espert ikompli ighid illi bil-ferita kif rapportata ghalkemm Spiteri ma kienx ikun kapaci jigri izda seta' jimxi facilment.

**89**. Il-konkluzjonijiet tal-esperti medici allura jiskreditaw ix-xiehda ta' Carmelo Spiteri meta dan jixhed u ighid illi huwa ma kienx gie ferut bit-tiri minn arma tan-nar fl-isparatura li sehhet mal-pulizija. Kif ukoll jigi skreditat Carmelo Spiteri kemm mix-xhieda okulari kif ukoll minn provi indizzjarji meta jichad illi l-vann li gie uzat mill-hallelin biex jaharbu minn fuq il-post laqat vettura ohra fit-triq huma hu sejrin lejn San Giljan. Dan ghaliex mhux biss is-sewwieqa tal-vettura li maghha habat il-vann tixhed illi dan il-vann baqa' diehel fil-vettura taghha, izda ukoll ghaliex kif jidher mir-ritratti esebiti mill-ufficjal tax-xena tar-reat PC1525 Patrick Farrugia, il-vann kellu diversi hsarat fil-genb tieghu[8].

**90**. Mhux biss izda kif inghad fir-rapport tal-espert tas-serologija, irrizulta illi kien hemm minn tal-inqas erba' persuni involuti fil-kummissjoni tad-delitt, meta Carmelo Spiteri jibqa' jinsisti li kienu tlieta biss, u cioe' hu u Joseph Polidano li ammettew ghall-involviment taghhom u konvenjentement isemmi biss lil Amadeo Brincat li lahaq miet sakemm gie iccelebrat il-guri sabiex b'hekk ma setax imerieh f'dak li kien qed ighid.

[7] Ara xhieda u rapport a fol. 351 et seq.

[8] Ara ritratti 98ARP121 sa ARP98123 Dokument BF

**91**. Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, ghalhekk, din il-Qorti tqies illi x-xiehda ta' Carmelo Spiteri hija wahda kontradetta mill-provi indizzjarji u minn xhieda ohra tant illi huwa evidenti illi dak li ighid jidher li gie mahsub sewwa sabiex jipprova jezonera lill-appellant minn kull htija. Sewwa ghamlu l-gurati, allura, meta ma tawhiex verosimiljanza. Minn naha l-ohra, ghalkemm ix-xiehda ta' Polidano tipprezenta ruhha bhala wahda aktar konfuzjonarja, madanakollu huwa evidenti li x-xhud kien qed isib diffikulta sabiex jimplika lill-appellant bhala wiehed mill-ko-awturi fil-kummissjoni tar-reat. Rinfaccjat b'din id-diffikulta' jibqa xortawahda jinsisti fuq il-kompartecipazzjoni ta' Xuereb. Mhux biss izda dak li ighid huwa imsahhah mill-provi indizzjarji fosthom l-impronti digitali. Ukoll id-dettalji li jaghti dwar id-dinamika tal-incident tikkombaccja perfettament ma' dak li sehh fl-ghodwa tas-27 ta' Marzu 1996, kif jixhdu ix-xhieda okulari u kif jindikaw il-provi cirkostanzjali. Il-Qorti ghalhekk ma tara l-ebda mottiv la legali u lanqas fattwali li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-gurati u l-apprezament tal-provi minnhom maghmul.

**92**. Stabbilita ghalhekk il-presenza tal-appellant fuq ix-xena tar-reat, stabbilit lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-involvivment tieghu bhala awtur fil-kummissjoni tar-reat flimkien mal-ko-awturi l-ohra, stabbilit ukoll illi fl-esekuzzjoni tal-*hold-up* li gie sfrattat mill-pulizija kien hemm l-uzu ta' armi tan-nar u dan bi ftehim bejn l-malviventi kollha involuti, l-appellant lanqas ma ghandu ragun meta jishaq illi l-intenzjoni omicida pozittiva u indiretta ma tikkonfigurax fil-kummissjoni ta' din is-serqa. Dan ghaliex mhux biss l-arma tan-nar giet sparata minn wiehed mill-hallelin meta huma kienu ser jillargaw minn fuq il-post, izda huwa ghal kollox inverosimili illi din l-arma giet sparata "biex tbezza'" kif jallega l-appellant u mhux bl-intenzjoni omicida fid-direzzjoni tal-

pulizija. Dan ghaliex mhux biss ex PC832 Edward Falzon ighid fix-xiehda tieghu illi l-isparatura kienet diretta lejh, izda Joseph Polidano stess jikkonferma illi Amadeo Brincat hareg *revolver* biex jispara izda hu gibidlu l-attenzjoni li ma kienx ghad fadal munizzjon fl-arma u ghalhekk dan spara imbaghad lejn l-ajru. Dan jispjega ukoll il-fatt illi tracci ta' *gun shot residue* ma instabux fuq il-*boiler suits* elevati mill-pulizija u li kienu lebsin il-hallelin. Illi allura:

> **"Jekk hemm il-hsieb bejn zewg persuni, wiehed huwa l-awtur, dak li fil-fatt jispara u l-iehor li jkun mieghu li ma jisparax, galadarba ghandu l-istess hsieb li joqtlu, u la qieghed hemm jiehu parti attiva - f'dak il-kaz it-tieni persuna li ma tisparax li qed tiehu parti attiva hija l-ko-awtur. Il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat.**[9]

**93**. Fid-dawl tal-premess, jidher car illi min qiegħed fuq ix-xena tad-delitt u jkollu rwol dirett anke jekk mhux ewlieni fl-eżekuzzjoni tar-reat jitqies li huwa ko-awtur fid-delitt kommess. Dan ifisser illi l-appellant bhala ko-awtur li kien konsapevoli li kienu ser jintuzaw armi tan-nar fl-esekuzzjoni tad-delitt, ghalkemm ma jirrizultax ftehim ċar dwar l-isparatura li sehhet, xorta waħda l-appellant jitqies bħala ko-awtur u xorta waħda jitqies responsabbli daqslikieku kien hu stess li spara l-arma.

**94. Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju imressaq mill-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud, b'dan illi l-Qorti qed tikkonferma fl-intier tieghu il-verdett milhuq mill-gurati.**

[9] Deċiża fl-14/12/2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David - - Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter.

**Ikkunsidrat :**

**95**. Illi fl-ahhar aggravju minnu ntentat l-appellant isib qbil mal-Avukat Generali li huwa konkordi illi l-appellant ma ghandux ibati l-ispejjez kollha marbuta ma' dan il-kaz gjaldarba diga' gew ipprocessati zewg persuni ohra fuq l-istess kaz, fejn illum jezisti gudikat fil-konfront taghhom. Fil-fatt din il-Qorti hadet *judicial notice* tad-decizjonijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Polidano deciza mill-Qorti Kriminali fl-10 ta' Settembru 1999, kif ikkonfermata minn din il-Qorti kif diversament komposta fid-19 ta' April 2001, u ukoll is-sentenza ir-Repubblika ta' Malta vs Carmelo Spiteri deciza mill-Qorti Kriminali tat-12 ta' Mejju 2003 fejn f'dawn id-decizjonijiet il-hati gie ikkundannat ihallas terz mill-ispejjez tal-perizji inkorsi fil-process kriminali[10].

**96**. Issa mid-decizjoni appellata johrog illi l-appellant gie ikkundannat ihallas is-somma ta' €2394.43 "**bhala spejjez inkorsi f'dan il-process**". Issa minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi r-rapport tal-espert tal-marki tas-swaba li gie mahtur fl-istadju tal-Istruttorja u allura fil-process penali pendenti unikament kontra l-appellant, gie intaxxat fl-ammont ta' Lm969.96, ekwivalenti ghas-somma ta' €2259.96. Dawn l-ispejjez allura iridu jithallsu biss mill-appellant billi ma ghandhom l-ebda konnessjoni mal-proceduri penali li gew istitwiti kontra Polidano u Spiteri. Illi d-differenza bejn l-ispejjez marbuta mar-rapport tal-espert Mallia u dawk li gie ikkundannat ihallas l-appellant huwa wiehed minimu ta' €134.47, tant illi din il-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni illi l-

---

[10] Joseph Polidano gie ikkundannat ihallas Lm498.20 filwaqt li Carmelo Spiteri gie ikkundannat ihallas is-somma ta' Lm587.52.

appellant qatt ma gie ikkundannat ihallas ir-rimanenti terz tal-ispejjez marbuta mal-*in genere* u l-esperti hemmhekk nominati. Inqas u inqas allura gie ikkundannat ihallas l-ispejjez fl-intier taghhom, kif jallega.

**97. Fid-dawl ta' dan kollu allura lanqas dan l-aggravju ma jisthoqqlu akkoljiment.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u il-verdett u d-decizjoni appellata ikkonfermati fl-intier taghhom.**